MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta tal-25 ta' Novembru, 2013

Appell Kriminali Numru. 448/2013

Il-Pulizija
(Spettur Mario Cuschieri)
(Spettur Ian Abdilla)
vs
**Francis Xavier Galea**

iben Francis, imwieled Pieta', fil-21 ta' Gunju, 1963, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 320863(M)

Il-Qorti,

Rat il-Mandat ta' Arrest Ewropew (MAE) mahrug mill-"GIP del Tribunale di Genova" fil-konfront ta' Francis Xavier Galea (aktar l-isfel maghruf bhala "l-estradant") minn fejn jirrizulta li dawn l-Awtoritajiet Gudizzjarji Taljani talbu li l-istess estradant jigi mibghut minn Malta lejn l-Italja (pajjiz skedat ai termini tar-regolament 5 tal-Avviz Legali 320 ta' l-2004 [aktar l-isfel maghruf bhala "l-Ordni"]) sabiex iwiegeb ghar-reati ta' :

a. "aggravated smuggling of foreign-made tobaccos";

b. "false statements in an official document committed by a public official resulting from a mistake stemming from another person's deceit";

d. "smuggling of foreign made tobaccos";
e. "criminal association aimed at smuggling foreign-made tobaccos with the role of promoter and organizer".
Ir-reat "c" gie maqbuz peress li l-Awtoritajiet Gudizzjarji Taljani iddecidew li jhallu r-reat li kien ipotizzat taht l-ittra "c" barra mill-MAE fil-konfront ta' l-estradant.

Rat l-ordni tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tat-18 ta' Ottubru, 2013 fejn il-Qorti ordnat li Francis Xavier Galea jinzamm taht kustodja fi stennija ghat-treggiegh lura lejn l-Italja u cioe' l-pajjiz skedat minn fejn inhareg il-MAE u dan ai termini tar-regolament 13(5) u 24 ta-Ordni. Din l-ordni ghall-kustodja tal-estradant saret bil-kundizzjoni li l-estradizzjoni tal-estradant lejn l-Italja tkun soggetta dejjem ghall-"Law of speciality" ossija in konnessjoni mar-reati addebitati lilu fil-MAE u msemmi fir-regolament 18 tal-Ordni. Inoltre l-Qorti irrakomandat bil-qawwa kollha lill-Awtoritajiet tal-Facilita Korrettiva ta' Kordin nonche lill-Awtoritajiet Kompetenti tar-Repubblika tal-Italja li jipprovdu f'kull hin dik l-assistenza u ghajnuna medika u farmacewtika kollha mehtiega lill-estradant sabiex il-kundizzjonijiet ta' sahha tieghu kemm jista' jkun ma jigux pregudikati. Inoltre, irrakkomandat lill-Awtoritajiet Kompetenti Maltin sabiex jekk ikun possibbli jikkonsenjaw lill-estradant lejn l-Italja permezz tal-Vapur jew Katamaran u trasport bl-art minflok bl-ajruplan biex jittaffa ftit mill-istress kawzat mill-vjagg. Apparti minn hekk irrakkomandat wkoll lid-Direttur tal-Facilita Korrettiva ta' Kordin u lill-Awtoritajiet Gudizzjarji Taljani sabiex jaraw u jassiguraw li l-estradant ikun provdut b'post adegwat fejn ikun jista jinzamm bl-anqas konsegwenzi negattivi possibbli ghall-kundizzjoni partikolari tieghu.
Rat ir-rikors tal-appellant Francis Xavier Galea minnu pprezentat fl-24 ta' Ottubru, 2013 fejn talab li din il-Qorti joghogobha tirrevoka d-decizjoni fejn ordnat li l-esponent jinzamm taht kustodja fi stennija ghat-treggiegh lura lejn l-Italja u cioe l-pajjiz skedat minn fejn inhareg l-MAE, u minflok tordna li jigi liberat.

Rat l-aggravji tal-appellant u cioe':-

Illi l-ewwel aggravju jirreferi ghas-sottomissjonijiet enumerati (7), (8), u (9) fid-decizjoni fl-ismijiet premessi.

Illi s-subartikolu (4) ta' l-artikolu 5 tal-Ordni huwa car fis-sens illi jirrikjedi illi mandat mahrug ai termini tal-Ordni irid ikun fih dikjarazzjoni u, 'Id-dikjarazzjoni hi wahda li-

a) il-persuna li dwarha jkun hareg l-mandat tkun akkuzata fil-pajjiz skedat bl-ghemil ta' reat msemmi fil-mandat, u
b) il-mandat jinhareg bil-ghan ta' l-arrest u l-estradizzjoni tal-persuna lejn il-pajjiz skedat bil-ghan li jinbdew proceduri kontriha ghal dak ir-reat'.
Illi immedjatament issir riferenza ghat-test Ingliz fejn is-sub-paragrafu (b) huwa tradott bil-mod segwenti:
*'b) the warrant is issued with a view to his arrest and extradition to the scheduled country* <u>*for the purpose of being prosecuted*</u> *for the offence'*

Illi preliminarjament jigi sottolineat illi l-kliem <u>**'for the purpose of being prosecuted'**</u> huma l-istess kliem uzati fid-Decizjoni Kwadru tal-Kunsill tat-13 ta' Gunju 2002, u ghaldaqstant huwa immedjatament car illi semplici suspett mhuwiex sufficjenti ghall-validita ta' mandat *ai termini* tal-artikolu 5 tal-Ordni, bhal ma lanqas ma huwa sufficjenti li l-persuna li taghha tkun mitluba l-estradizzjoni tkun hekk mitluba, biss, sabiex tghin lill-pulizija jew awtoritajiet investigattivi fl-investigazzjonijiet u indagnijiet taghhom, fl-istadji li jipprecedu l-istadju tal-eventwali prosekuzzjoni u akkuza.
Jidher car illi l-Ordni, li del resto hija legislazzjoni sussidjarja taht l-Att dwar l-Estradizzjoni (li jirrikjedi grad ta' prima facie), jirrikjedi aktar minn hekk, u jirrikjedi illi l-awtoritajiet investigattivi ikunu lestew xogholhom b'tali mod illi jkunu hadu decizjoni cara u inekwivoka illi jghaddu ghall-pass li jmiss u cioe' *'to prosecute'.* Huwa principju baziku fil-kamp penali illi tezisti distinzjoni cara u materjali bejn l-istadju tal-investigazzjoni u dak tal-prosekuzzjoni meta persuna

tkun se tigi akkuzata b'reat, u tkun ittiehdet dik id-decizjoni li dik il-persuna hekk titressaq;

Ir-ragunament huwa car u manifest. Filwaqt illi kif irrimarkat il-Qorti Rimandanti fil-preambolu tad-decizjoni taghha illi l-procedura odjerna hija intiza sabiex a bazi ta' fiducja akbar bejn l-awtoritajiet gudizzjarji tal-Istati Membri tal-UE, jithaffef il-process ta' treggiegh lura ta' persuni, pero' kif irrimarkat l-istess Qorti wkoll *'dan ma jfissirx li l-Qrati Maltin ghandhom jaghlqu ghajnejhom ghal kollox u jsiru biss timbru ghal dak rikjest mill-Qrati Ewropej'.* Illi inoltre mhux biss jekk il-Qrati jaghlqu ghajnejhom dan jista' jaghti lok ghal certa laxkezza li twassal ghal abbuz, izda wkoll tkun qed titraskura l-harsien ta' drittijiet tal-persuni li taghhom tkun qed tintalab l-estradizzjoni u illi per konsegwenza ikunu se jigu nkarcerati f'habsijiet, fi stati mbieghda minn pajjizhom u 'l boghod mill-familji taghhom;

Illi inoltre jekk tkun mehtiega l-ghajnuna ta' persuna fi stadju ta' investigazzjoni jezistu dawk il-mekkanizmi sofistikati u effikaci ta' koperazzjoni bejn id-diversi korpi tal-pulizija u l-awtoritajiet investigattivi tad-diversi stati membri, minghajr il-htiega ta' estradizzjoni;

U ghaldaqstant peress ili dawn huma konsegwenzi serji restrittivi tal-liberta' tal-persuna wiehed jifhem illi l-Ordni jistabbilixxi grad partikolari illi ghandu jkun sodisfatt ghall-validita tal-mandat relattiv - li persuna tkun akkuzata jew li tkun se tigi *'prosecuted'.* Fi kliem iehor l-istadju tal-investigazzjoni jkun gie konkluz bl-ezitu illi l-persuna tigi *prosecuted,* u dan sabiex persuna ma tigix estradita bil-konsegwenzi serji u perjodi ta' arrest li dan jimporta, imbaghad ikun hemm per ezempju decizjoni *mill-giudice per le indagini preliminari* illi l-kaz ikun arkivjat bil-konsegwenza illi dik il-persuna qatt ma tigi akkuzata jew *'prosecuted'.*

Issa huwa car illi fil-kaz odjern ghad m'hemm ebda decizjoni mill-awtoritajiet Taljani li qed jitolbu l-estradizzjoni li jikkwalifikaw lill-esponent bhala persuna 'akkuzata' u lanqas ma jirrizulta minn imkien illi ittiehdet xi decizjoni mill-istess awtoritajiet wara li kkonkludew l-investigazzjonijiet taghhom illi l-esponent se jkun *'prosecuted'.*

Illi l-esponent b'ebda mod ma huwa qed jikkontesta l-fatt illi Silvia Carpanini hija '*giudice per le indagini preliminari'* fit- Tribunale ta' Genova. Pero' fl-istess waqt *'le 'indagini preliminari'* hija l-ekwivalenti tal-inkjesta, proceduri fl-istadju tal-investigazzjoni, li fil-kaz tal-Italja jistghu jwasslu sabiex il-kaz jigi arkivjat ghax ma jkunx hemm bazi *'to prosecute',* u fil-fatt ma tinhareg ebda akkuza fil-konfront tal-persuna investigata. Illi l-istadju *tal-'indagini preliminari'* huwa dak li jipprecedi l-istadju tal-prosekuzzjoni jew li persuna tkun akkuzata a bazi tar-rizultanzi tal-inkjesta, liema stadju ghadu ma ntlahaqx fil-kaz odjern.

Illi l-esponent f'dan l-istadju ser jaghmel riferenza wkoll ghas-sottomissjoniet enumerati (7) u (9) fid-decizjoni fl-ismijiet premessi u dan specjalment izda mhux biss fil-kuntest tal-istess sors citat mill-Onorabbli Qorti tal-Magistrati bhala Qorti Rimandanti meta kwotat siltiet estensivi min *Re Ismail (Application for Writ of Habeas Corpus) (On Appeal from a Divisional Court of the Queen's Bench Division),* '*ultimately the question whether a person is 'accused' within the meaning of section 1 of the Act of* 1989 *will require an intense focus on the particular facts of each case'.*

Illi dan ir-rekwizit ma jiswiex hlief biex idghajjef ulterjorment l-posizzjoni tal-prosekuzzjoni stante illi l-informazzjoni mhux biss hija wahda xotta, skarsa minn kull dettal u minimalista, izda wkoll tenut kont tal-fatt illi kif irritjeniet l-Ewwel Onorabbli Qorti, il-Form A ezebita, illi tikkontjeni ammont sostanzjali ta' informazzjoni ghandha tigi skartata (u fil-fatt giet skartata) peress illi *'l-mod kif inhu redatt ma joffrix il-garanziji minimi msemmija mir-regolament 73A.'* Illi l-istess Qorti irrimarkat illi *'dan id-dokument ma kienx ikun bizzejjed bhala prova biex tittiehed l-azjoni de quo'.* Illi dan kollu huwa mertu tas-sottornissjoni enumerata (7) fid-decizjoni tal-Qorti Rimandanti.

Illi meta wiehed jiskarta l-Form A, kif jista wiehed jaghmel *'intense focus on the particular facts of the case'* meta l-unika informazzjoni li tohrog mill-MAE innifsu dwar l-investigazzjoni hija mhux aktar minn erba' sentenzi xotti, vagi u nieqsa minn kull dettal, u dan minghajr pregudizzju ghal fatt illi f'kull kaz jirrizulta ampjament car mill-informazzjoni skarsa supplita fil-MAE, illi l-istadju huwa dak tal-indagni preliminari u li zgur ma

jistax jinghad illi tali stadju jissodisfa dak rikjest mill-Ordni fis-subartikolu (4) tal-artikolu 5.
Illi dan jista jkun rizultat ta' wahda minn zewg possibiltajiet. Jew l-awtoritajiet Taljani kienu f'posizzjoni jissuplixxu informazzjoni ferm aktar ampja, akkurata u dettaljata sabiex l-Qrati Maltin ikunu jistghu jaslu ghal decizjoni b'serenita minghar ma jintalbu jkunu, kif qalet l-Ewwel Qorti *'jaghlqu ghajnejhom ghal kollox u jsiru biss timbru ghal dak rikjest mill-Qrati Etoropei',* u dan naqsu milli jaghmluh, jew inkella, l-investigazzjoni nfisha hija wahda vaga, u nieqsa minn evidenza b'sahhitha u konkreta.
Illi sabiex wiehed jirrikapitola, meta tigi skartata l-Form A, bil-konsegwenza li jkun kostrett jistrieh esklussivament fuq l-MAE li mhux biss huwa skars ferm mill-informazzjoni izda addirittura jikkontjeni inkorrettezzi serji u gravi fil-konnotati tal-esponent, u jara dan kollu fil-kuntest tar-rekwiziti tal-artikolu 5(4) tal-Ordni u fid-dawl ta' Re Ismail, sors kwotat mill-Ewwel Qorti, m'hemmx alternattiva hlief, fl-umli fehma tal-esponent, decizjoni illi l-esponent jigi mehlus peress illi ma huwiex sodisfatt il-vot tal-Ligi, kemm fil-forma u lanqas fis-sustanza.
Illi l-skorrettezzi fil-konnotati tal-esponent, anke fihom infushom biss jikkostitwixxu bazi ghaliex l-esponent kellu jigi liberat peress li jezisti dubju dwar l-identita f'dak li jirrigwarda il-post tat-twelid kif ukoll l-indirizz oltre zball fl-isem innifsu.
Minn imkien, mill-informazzjoni kontenuta fil-MAE ma jirrizulta illi l-esponent huwa 'akkuzat' fil-gurisdizzjoni Taljana, jew xi dikjarazzjoni fis-sens li qed jintalab it-treggiegh lura tieghu *'for the purpose of being prosecuted for the offence'* izda jirrizulta illi l-investigazzjonijiet fl-Italja ghadhom ma lahqu ebda wiehed minn dawn l-istadji kontemplati fl-Ordni.
Illi pero' r-ragunijiet ghaliex l-esponent ghandu jinheles isiru aktar impellenti meta wiehed janalizza b'mod akkurat u fit-<u>totalita'</u> tieghu s-sors principali kwotat mill-Ewwel Qorti, *In Re Ismail (Application for Writ of Habeas Corpus) (On Appeal From a Divisional Court of the Queen's Bench Division)* u infatti l-esponent se jaghmel riferenza

ukoll u jikkwota siltiet ukoll minn dan is-sors li gew kompletament omessi mill-Ewwel Qorti.
F'dan il-kuntest wiehed minnufih jinnota illi l-informazzjoni li tohrog mill-mandat hija wahda ampja. Kuntrarjament ghall-kaz odjern, mhux biss mill-atti jidher li jirrizultaw il-modalitajiet ta' kif allegatament twettaq ir-reat izda wkolll-evidenza *"he is said to have been implicated by the statement of one of the conspirators, one Van der Veen. The bank statements of one of the appellanets's Swiss companies apparently point to his guilt.'* Tant hu hekk u dan hu rilevanti b'mod specjali ghall-kaz odjern, l-istess decizjoni tghid *'The warrant of arrest is a lengthy document.' 'It recites that "the accused is charged with" offences which are then particularized.'*
Illi ovvjament dan kollu jaghmel differenza kbira mill-kaz odjern. Mhux biss il-MAE huwa xott mill-informazzjoni izda, aktar importanti minn hekk minn imkien ma jirrizulta illi *'the accused is charged with'* jew l-ekwivalenti tieghu jew xi dikjarazzjoni li se jigri hekk. Infatti jidher li dawn il-kliem setghu kienu determinanti stante illi anke fil-bran kwotat mill-Ewwel Qorti jidher li dawn inghataw piz minn min kien se jiggudika:

*'But I do not have to examine these points. He does not dispute that the warrant of arrest recites that "The accused is charged with the following", and that it then sets out <u>at some length</u> the criminal conduct alleged against the appellant and the statutory provisions under which the charges are brought."*
Illi kjarament, mill-informazzjoni moghtija fil-MAE, jirrizulta illi l-esponent ma jaqa' f'ebda wahda mill-kategoriji tal-artikolu 5(4) tal-Ordni. Fl-umli fehma tal-esponent ebda nterpretazzjoni ma tista ccajpar distinzjoni rikonoxxuta universalment u li fl-ahhar mill-ahhar hija deskritta b'mod impekkabbli fl-istess kwotazzjoni tal-Ewwel Qorti minn Re Ismail:
*"It is common ground that mere suspicion that an individual has committed offences is insufficient to place him in the category of “accused' persons. It is also common ground that it is not enough that he is in the traditional phrase "wanted by the police to help them with their enquiries" something more is required”.*
Possibilment fil-kaz odjern jista jkun illi l-esponent jinkwadra fil-kategorija ta’ *"wanted by the police to help them*

*with their enquiries",* minkejja illi mill-MAE innifsu lanqas dan ma jemergi car u jekk iva f'liema kuntest, jew ghal liema ragunijet, jew a bazi ta' liema provi, izda certament ma jikkwalifika bhala li jinsab f' ebda stadju iehor tal-proceduri penali fil-pajjiz skedat. Indubbjament, l-esponent ghandu jkun liberat a bazi ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet.
Illi t-tieni aggravju tal-esponent huwa naxxenti mill-fatt illi l-Ewwel Qorti ma ddecidietx s-sottomissjonijiet enumerati (6) b'mod separat u distint minn dawk enumerati bin-numru (1), u illi fil-fatt meta giet biex tiddeciedi dwar n-numru (6) iddikjarat illi kienet diga pronunzjat ruhha fin-numru (1).
Illi l-esponent issottometta li r-reat ta' *aggravated smuggling of foreign made tobaccos* (paragrafu (a)) u r-reat ta' *'smuggling of foreign made tobaccos'* (paragrafu (d)) ma humiex reati li huma skedati taht l-iskeda 2 ta' l-Ordni u ma tistax issir estradizzjoni lill-pajjiz skedat fejn ir-reat ipotizzat ma jkunx kopert bl-iskeda, liema sottomissjoni, del resto saret ukoll fir-rigward tar-reat ta' *false statement in an official document committed by a public official resulting from a mistake stemming from another person's deceit'* (paragrafu (b)).

Illi peress li l-bazi ta' dawn il-proceduri fil-konfront ta' l-esponent huwa l-MAE mahrug *mill-Ministero della Giustizzia* ta' l-Italja, u peress li jirrizulta bl-aktar mod car minn dak il-mandat li l-estradizzjoni ta' l-esponent qed tintalab a bazi tal-iskeda tant li gew immarkati zewg kategoriji ta' reati bil-marka 'X', li huma i) *partecipazione a un'organizazzione criminale* u ii) *falsijicazione di atti amministrattivi e traffico di documenti falsi,* huwa ftit jew wisq kontradittorju illi l-Qorti Rimandanti tmur oltre dak rikjest fl-istess MAE.
Illi ladarba t-treggiegh lura tal-esponent qed jintalab biss a bazi ta' l-iskeda, il-Qorti Rimandanti ma setghetx tmur oltre tali talba u kellha ghaldaqstant tichad it-talba ta' estradizzjoni fir-rigward tar-reati ipotizzati fil-paragrafi (a), (b) u (d).
Illi t-tielet aggravju tal-esponent jirreferi ghas-sottomissjonijiet bin-numru (2) - fi kliem il-Qorti tal-Magistrati li r-reat ipotizzat fil-paragrafu (b) hu definit fis-sens li ghandek ufficjal pubbliku illi jwettaq falsita’

ideologika f'att pubbliku u l-istess ufficjal pubbliku dik il-falsita' ideologika wettaqha minhabba zball li nducieh fih haddiehor, liema zball huwa fil-fatt l-ingann ta' haddiehor u dak huwa reat li ma jsibx sinonimu tieghu fil-kamp penali Malti allura ma hemmx il-kwistjoni *tad-double criminality.*
Illi ghandu jigi precizat £l-ewwel lok li dan l-aggravju qed isir minghajr pregudizzju ghall-generalita' ta' l-ewwel aggravju.
Illi s-sottomissjoni dwar *id-double criminality* saret biss sussidjarjament fil-kuntest tal-mistoqsija jekk l-ipotezijiet indikati fl-artikolu 59 tal-Ordni humiex alternattivi jew kumulattivi. Jekk huwa koncess li dawn huma alternattivi, kif effettivament gie deciz mill-Ewwel Qorti ghaldaqstant isegwi li r-reat indikat fil-paragrafu (b) ghandu, sabiex l-esponent jigi mreggha lura lejn il-pajjiz skedat, jissodisfa l-kriterji kollha msemmija fil-paragrafi varji tas-subartikoli (2), (3), (4), (4A) u (5) ta' l-Artikolu 59.
Issa skont l-MAE, ir-reati allegatament gew kommessi *'tra Malta, Emirati Arabi e l'-Italia'*. Huwa ovvju minn din l-informazzjoni xotta fornuta mill-Awtoritajiet Taljani li qed jigi allegat li parti mill-imgieba sehhet proprju f'Malta u ghalhekk l-artikolu 59 (2)(a) tal-Ordni zgur ma jistax jigi invokat. Illi stranament l-Ewwel Onorabli Qorti trattat dan il-punt billi ghamlet is-segwenti dikjarazzjoni, u dan meta kien jirrizulta mod iehor mill-MAE innifsu:

*"Izda ma tistax tghid serenament li f'dan il-kaz ta' dan ir-reat jekk parti minnu kienetx kommessa wkoll f'Malta, apparti li l-effetti tieghu setghu inhassew principalment fit-territorju Taljan."*
Illi bid-dovut rispett dawn mhumiex ghajr kongetturi u assunzjonijiet gratuwiti, oltre supposizzjonijiet, li jippregudikaw l-posizzjoni tal-esponenti, specjalment meta jirrizulta il-kuntrarju mill-MAE innifsu;
Illi l-Ewwel Qorti lanqas ma kienet gustifikata tinvoka is-subartikoli (3) u (4A) ta' l-Artikolu 59 stante li r-reat kontemplat fil-paragrafu (b) ma jsib ebda ekwivalenti fil-ligijiet nostrani. Il-konkluzjoni tal-Ewwel Qorti li kien hemm xi somiljanzi bejn l-Artikolu 48 u 479 tal-Kodici Penali Taljan u l-artikoli 185 u 188 tal-Kodici Kriminali ta' Malta u l-artikolu 62(m) ta' l-Ordinanza tad-Dwana,

lanqas ma huwa sufficjenti sabiex jissodisfa pjenament l-vot tal-artikolu 59 tal-Ordni;
Illi filwaqt li d-disposizzjonijiet imsemmija jaghmlu referenza ghal falz ideologiku, il-forma tal-falz ideologiku kontemplat fil-MAE huwa ghal kollox differenti minn dak li nsibu fil-ligijiet penali ta' pajjizna. L-artikolu 479 tal-Kodici Penali Taljan jikontempla l-falz ideologiku kommess minn ufficjal pubbliku filwaqt li l-artikolu 48 ta' l-istess Kodici jikkontempla l-izball ta' fatt indott minn terza persuna. Minn imkien ma jirrizulta li fil-ligi taghna jezisti xi reat ta' min jinduci ufficjal pubbliku fi zball minhabba ingann. L-Artikoli 185, 188 u 62(m) jirregolaw l-imgieba ta' dik il-persuna li taghmel id-dikjarazzjoni falza hi nnfisha.
Illi inoltre is-subartikoli (4) u (5) ta' l-artikolu 59 jitkellmu fuq *'imgieba ekwivalenti (li) kienet tikkostitwixxi reat extra territorjali taht il-ligi ta' Malta'* u *'imgieba (li) tikkostitunxxi* ... *xi wiehed mir-reati msemmiia fl-artikolu 54A(1) tal-Kodici Kriminali'* (genocidju, delitt kontra l-umanita jew delitt tal-gwerra) rispettivament, liema artikolu ghaldaqstant lanqas ma jistghu qatt ikunu applikabbli ghall-kaz odjern.
Illi sussidjarjament u minghajr pregudizzju ghal aggravji precedenti, r-raba aggravju tal-esponenti jikkoncerna d-disposizzjonijiet tal-artikolu 31 tal-Ordni li kellu jigi applikat u senjatament is-subartikolu 3 tal-istess artiklu 31 in vista u abbazi tax-xhieda moghtija mit- Tabib kuranti tal-esponenti fejn jirrizulta bl-aktar mod car u ampju illi l-estradizzjoni tipperikola lil sahhtu bil-mod dettaljat kif deskritt mill-istess tabib fid-deposizzjoni tieghu u kif jirrizulta mill-atti processwali.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Rat id-dokumenti kollha ezebiti mill-partijiet.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkunsidrat,

Illi l-Avviz Legali 320 ta’ l-2004 isib l-origini tieghu fid-Decizjoni Kwadru tal-Kunsill tat-13 ta’ Gunju, 2002 fuq il-

Mandat ta' Arrest Ewropew u il-proceduri ta' konsenja bejn stati membri maghmul fil-Lussemburgu fit-13 ta' Gunju, 2002 adottat konformament mat-Titolu VI tat-Trattat. Tali avviz legali hu maghmul taht il-Kapitolu 276 tal-Ligijiet ta' Malta li hu 'L-Att dwar l-Estradizzjoni'.

Illi ghandu jigi rilevat mill-ewwel illi l-Avviz Legali 320 ta' l-2004 (L-Ordni) biddel kompletament l-agir bejn il-pajjizi kontraenti dwar it-treggiegha lura ta' persuni bejn pajjiz u iehor tal-Unjoni Ewropeja. Pajjizi terzi jibghu regolati mill-Att principali. Fil-fatt l-ewwel artikolu subinciz wiehed tad-Decisjoni Kwadru jispecifika li:

"Il-mandat ta' arrest Ewropew hi decizjoni gudizzjarja mahruga minn Stat
Membru bl-iskop ta' l-arrest u ic-cediment minn Stat Membru iehor ta' persuna
rikjesta, ghall-iskopijiet tat-tmexxija ta' prosekuzzjoni Kriminali jew l-esekuzzjoni
ta' sentenza ta' kustodja jew ordni ta' detenzjoni."

Ghalhekk, gie kreat dan is-sistema, flimkien ma ohrajn, biex persuni kundannati jew akkuzati b'xi reat, li hu specifikat ukoll fl-Avviz Legali, ikun jistghu jigu facilment tradotti minn pajjiz ghal iehor. Dak li hu nteressanti f'dan is-sistema hu li issa tali decizjoni li ttiehed ghandha tkun wahda gudizzjarja. Dan ibiddel kompletament il-kuncett fejn tali decizjonijiet fil-passat kienu jiehdu xejra politika. Illum, ghal inqas taht il-paramentri ta' l-Ordni hi decizjoni gudizzjarja.

Illi dan ifisser ukoll li l-Qorti ghandha l-obbligu li taghmel decizjoni dwar jekk reat ikunx reat ta' estradizzjoni (artikolu 12 ta' l-Ordni) u tara jekk hemm xi mpediment ghall-estradizzjoni (artikolu 13 ta' l-Ordni).

Illi fl-isfond ta' dan il-preambolu qasir ghandhom jigu analizzati l-aggravji ta' l-appellant. Ghandu jinghad li t-trattazzjoni tal-partijiet kienet iffukata l-izjed fuq it-tielet aggravju ta' l-appellant u cioe' x'inhi l-pozizzjoni attwali tal-appellant fl-Italja – fil-qasir jekk l-appellant hu persuna akkuzata fl-Italja ghall-iskopijiet tal-Mandat ta' Arrest Ewropew (MAE).

Hawnhekk, ikun opportun li jigi citat is-subartikolu (4) ta’ l-artikolu 5 ta’ l-Ordni, li jghid hekk:

*(4) Id-dkjarazzjoni hi wahda li -*

*(a) il-persuna li dwarha jinhareg il-mandat tkun akkuzata fil-pajjiz*
*Skedat bl-ghemil ta’ reat imsemmi fil-mandat, u*

*(b) il-mandat jinhareg bil-ghan ta’ l-arrest u l-estradizzjoni tal-persuna*
*lejn il-pajjiz skedat bil-ghan li jinbdew proceduri kontriha ghal*
*dak ir-reat.*

X’inhi l-pozizzjoni ta’ persuna f’dan ix-xenarju prospettat mill-artikolu 5(4) ta’ l-Ordni.

Il-legislazzjoni taghna hi mfassla fuq il-legislazzjoni ngliza u ghalhekk analizi tal-gurisprudenza ta’ dak il-pajjiz ma jkunx ezercizzju nutli.

Dan it-tema gie affrontat fil-kawza fl-ismijet: “Julian Assange v Swedish Prosecution Authority” (High Court of Justice Queen’s Bench Division Divisional Court) deciza fit-2 ta’ Novembru, 2011. Din id-decizjoni titratta talba mill-awtoritajiet svediza ghat-treggiegha ta’ Julian Assange li kien akkuzat taht is-Sexual Offences Act, 2003. Din kienet kawza komplessa u ser jigu analizzati biss il-partijiet li jolqtu l-problema li qed jigi ezaminat.

Fuq dan il-punt dik il-Qorti kkwotat estensivament mill-kawza “In Re Ismail” [(1999) 1 AC 320]. Hemm zewg paragrafi li huma rilevanti:

“It is common ground that mere suspicion that an individual has committed offences is insufficient to place him in the category of ‘accused persons’. It is also common ground that it is not enough that he is in the traditional phrase ‘wanted by the police to help them in their inquiries’. Something more is required. What more is needed to make a suspect an ‘accused’ person? There is no statutory definition. Given the divergent system of

law involved, and notably the differences between criminal procedures in the United Kingdom and in civil law jurisdictions, it is not surprising that the legislature has not attempted a definition… The starting point is that 'accused'…is not a term of art. It is a question of fact in each case whether the person passes the threshold test of being an 'accused' person…. Extradition treaties, and extradition statutes, ought, therefore, to be accorded a broad and generous construction so far as the texts permits it in order to facilitate extradition… Moreover, it is important to note that in England a prosecution may also be commenced if a custody officer decides that there is sufficient evidence to charge an arrested person and then proceeds to charge him…the charging of an arrested person marks the beginning of a prosecution and the subject becomes an 'accused' person."

At page 327 (of In Re Ismael):
"It is not always easy for an English court to decide when in a civil law jurisdiction a suspect becomes an 'accused' person. All one can say with confidence is that a purposive interpretation of 'accused' ought to be adopted in order to accommodate the differences between legal systems. In other words, it is necessary for our courts to adopt a cosmopolitan approach to the question whether as a matter of substance rather than form the requirement of there being an 'accused' person is satisfied."

Il-paragrafu 140 (pagna 29) ta' Assange hu ferm interessanti u qed jigi kwotat verbatim:
"We agree with the approach of Toulson LJ in Bartlett that the language of the EAW should make clear that
'The investigation must have reached the stage at which the requesting judicial authority is satisfied that he faces a case such that he ought to be tried for the specified offence or offences, and the purpose of the request for extradition must be to place him on trial.' (paragraph 50)
In our view, the terms of the EAW read as a whole made clear that not only was the EAW issued for the purpose of Mr. Assange being prosecuted for the offence, but that he was required for the purposes of being tried after being identified as the perpetrator of specific criminal offences.

He was therefore accused of the offences specified in the EAW. Nothing in the EAW suggested he was wanted for questioning as a suspect."

Fil-paragrafu 150 ta' din is-sentenza (Assange) il-Qorti rrilevat li taht il-procedura Svediza l-akkuzat jista' jigi mitlub jirrispondi domandi ulterjuri qabel decizjoni tittiehed jekk jigix processat o meno. Madankollu hu fondamentali li "…but to ensure that there is no proper basis for the accusation not to proceed swiftly to trial…" Dan ifisser li l-suggett wara tali nvestigazzjoni jew domandi ghandu jitressaq il-Qorti 'swiftly' u nafu ben tajjeb x'ifisser dan il-kuncett ghall-Qrati nglizi. Jidher car li dik il-Qorti kienet sodisfatta li l-persuna setghet titregga lura anki ghaliex il-kawza kellha tibda 'swiftly'. U kien ghalhekk li fil-paragrafu sussegwenti taghmel referenza ghall-'cosmopolitan eyes' ta' In Re Ismael. Dik il-Qorti kienet sodisfatta li l-EAW kienet inharget sew u kienet edotta wkoll ta' dak li kien jikkoncerna l-individwu, kif ukoll is-sistema gudizzjarju Svediz.

Fuq l-iskorta ta' din is-sentenza li taghmel ukoll referenzi estensivi ghall-kawzi ezebiti f'dawn il-proceduri mill-partijiet wiehed jsta' jghaddi biex janalizza l-MAE mahrug mill-awtoritajiet Taljani.

Fl-ewwel lok, tqajjem il-punt li l-MAE kienet karenti fil-forma u li specifikatament il-Form A (fol. 7) kienet tali li ma tiftehimx jew ma kellha ebda nformazzjoni, kif ukoll li mid-dokument ma kien jirrizulta liema kienet l-awtorita' li hargitha. Mhux talli hekk, izda ma kienet iffirmata minn hadd. Din il-Qorti mhiex ser tiddilunga fuq dan il-punt izda jirrizulta car li tali Form A kienet mahruga kif suppost u skont il-ligi.

Kif wiehed jintebah mal-ewwel l-MAE hi formula semplici, 'fill in the blanks', biex dak li kien deciz fid-Decisjoni Kwadru jsehh. Ma hemmx lok ghall-informazzjoni ulterjuri ghaliex l-informazzjoni kollha li tigi trasmessa hi sufficjenti biex jinghata bidu ghall-proceduri ta' estradizzjoni. Kif qalet bejn tajjeb il-Prosekuzzjoni din il-Qorti ma ghandhiex tidhol fil-meritu tal-kaz, dak il-fatt jispetta lill-Qorti li ser

tisma' l-kaz. Hawn Malta, l-appellant la hu ndagat, la hu akkuzat, la ghandu xi proceduri ghaddejjin, wisq anqas gie kkundannat. Din il-Qorti ghandha bizzejjed materjal biex tiddecidi.
Illi fuq dan il-punt il-partijiet jaqblu u ma hemmx kontestazzjoni.

Illi l-appellant hu tal-fehma li l-MAE hu difettuz fil-parti fejn ghandha tigi ndikata id-decizjoni fuq xhiex hu bbazat l-MAE. Billi dan hu mandat li jorigina mill-Italja t-test taljan hu dak indikat. Dan jinsab a fol.16 tal-process u jghid hekk:

(b) Decisione sulla quale si basa il-Mandato di Arresto Europeo:

1. Mandato d'arresto o decisione gudiziaria che abbia la stessa forza…

[A031] Tipo: *ordinanza di custodia cautelare del 22 luglio 2013 del GIP del*

*Tribunale di Genova*

Hu proprju din 'l'ordinanza di custodia cautelare' li hu l-uniku problema li ghandha quddiema din il-Qorti dwar din it-talba ghall-estradizzjoni.

Illi skont it-tezi tad-difiza din l-Ordinanza tmur kontra l-artikolu 5(4) tal-Ordni. Id-difiza hi tal-fehma li l-appellant ghandu jkun akkuzat u l-ghan tal-mandat li hu arrestat u mibghut l-Italja biex jinbdew proceduri penali kontra tieghu. L-appellant jikkontendi li fl-istat attwali tal-proceduri l-Italja hu ndagat u mhux akkuzat. Proprju fuq dan it-tema l-prosekuzzjoni ezebiti sensiela ta' emails fejn talbet kjarifika lill-awtoritajiet taljani. Skont email partikolari li jinsab a fol. 193 tal-process hemm indikat li skont is-sistema taljan il-fazi nvestigativa hi digja procediment penali. Testwalment:
"The investigation phase, in the Italian procedural system, is ALREADY a criminal proceeding ('procedimento penale'); it is carried out by the Prosecutor, who is a judicial authority, and the coercive measures are decided and issued by a Judge (the Preliminary Investigation Judge, or G.I.P.). At the end of the investigation, the Judge decides – upon request of the Prosecutor

(indictment) – whether to send the accused persons for trial or to dismiss the case.”
Dan l-email gie mibghut minn Francesco Lo Voi fl-4 ta’ Novembru, 2013 fil-hin ta’ 1557.

Ghalhekk, skont is-sistema taljan il-kontenut tal-MAE hu korrett li tghid li l-appellant hu akkuzat.

Illi l-appellant permezz tad-difensur tieghu ezebixxa pro-memoria mibghuta mill-Studio Legale Associato Romanelli fejn jispjega b’aktar dettal l-iter ta’ indagini. (Dok X a fol 203). Skont dan il-pro-memoria jirrizulta li l-kaz kontra l-appellant ghadu fil-fazi ta’ ‘indagini preliminari’ u il-prosekutur fi zmien sitt xhur minn meta jiskrivi l-isem tal-indagat fir-Registru irid jezercita l-azioni penali. Jista’ wkoll jitlob l-archivjazzjoni tal-kaz. Madankollu jista’ jitlob zewg prorogi b’massimu ta’ tmintax (18) il-xahar. Tali perjodu jsta’ jdun anki sentejn f’cirkostanzi partikolari elenkati f’dan id-dokument. Wara l-eghluq tal-perjodu, hu x’inhu, jew il-kaz jigi arkivjat jew il-persuna ndagata (jew akkuzata, skont Lo Voi) ghandha tigi notifikata b’Avviso di Conclusione delle Indagini Preliminari. Imbaghad wara dan l-avviz l-indagat ikollu a dispozijoni tieghu l-provi tal-prosekuzzjoni u fi zmien ghoxrin gurnata jjista’ jitlob li jigi nterrogat, iressaq provi ohra, anki bil-miktub. Wara din il-fazi il-prosekutur jitlob li l-persuna indagata titressaq il-Qorti.

L-appellant ezebixxa wkoll ordinanza tat-Tribunale di Genova, datata 21 ta’ Ottubru, 2013 b’referenza ghal certu Papagni Giuliano, li allegatament hu nvolut, flimkien ma l-appellant, f’dan it-traffiku ta’ kuntrabandu ta’ tabakk. Din il-persuna kienet giet arrestata fit-22 ta’ Lulju, 2013 u giet mehlusa fil-21 ta’ Ottubru, 2013 meta “Il-Tribunale, sezione di riesame” iddecida li ma kienx hemm ghalfejn jibqa arrestat izda ghandu jkun pront li jiddefendi ruhu ‘in prospettiva della successiva fase di giudizio, ove pertanto l’indagato potra’ essere chiamato a rispondere senza l’assoluta necessita’ che sia matenuto in stato di custodia cautelarre in carcere’.

Illi mill-espozizzjoni ta' hawn fuq il-pozizzjoni taljana hi cara. Issa wiehed irid jara kif ser ighaqqad iz-zewg sistemi fl-ambitu tad-Decisjoni Kwadru tat-13 ta' Gunju, 2012.

Jidher car li r-Renju Unit solva dan il-problema billi uza l-insenjamenti ta' In Re Ismael u taw lok ghal dan il-'cosmopiltan approach'. Fil-veru, wahda mill-interpretazzjonijiet li tista' tinghata s-sentenza Assange li l-imhallfin f'dak il-kaz abbinaw kollox mal-koncett ta' "swiftly" billi minn daqqa ta' ghajn superficjali jidher li s-sistema Svediz jixbah ghal dak taljan. Fost l-affarijiet kollha li qalu deher car li kienu certi li l-procedimenti svedizi kienu mghaggla. Tant hu hekk, li biex zgur il-pozizzjoni ngliza jaghmluha car hemm miktub li kieku dan il-kaz gara hemm il-bidu tal-iter processwali kien ikun ferm mghaggel. Essenzjalment, il-pozizzjoni taghna hi l-istess li persuna arrestata trid titressaq il-Qorti fi zmien tmienja u erbghin siegha. Din hi d-differenza bazika bejn iz-zewg sistemi, dak kontinentali u dak nostran. Id-diffikulta' reali hi mhux wisq id-definizzjoni tal-kuncett tal-kustodja kawtelari izda kif ghandu jigi ntegrat fis-sistema taghna. Id-Decisjoni Kwadru pruvat tghaqqad u tinkarna l-ispirtu ewropew tal-pajjizi membri tal-Unjoni. Ghamlita cara li ghandu jkun hemm fiducja fis-sistemi rispettivi izda halliet it-traspozizzjoni ta' dawn il-principji f'idejn il-membri taghha. Ghalhekk, kull membru ghandu vademecum ta' kif irid jinteragixxi mal-membri kollha izda dejjem fir-rispett reciproku tas-sistemi gudizjarji ndividwali. L-inglizi ghamlu din it-traspozizzjoni permezz ta' ligi tal-Parlament. Ahna min-naha taghna utilizzajna s-sistema ta' l-Avviz Legali. Ghalhekk, il-Qrati taghna ma ghandhomx il-beneficcju tal-hsieb tal-legislatur u ghalhekk qatt ma ghandna nitilfu minn quddiem ghajnejna l-ligijiet taghna, specjalment il-Kostituzzjoni taghna. Irrdiu nharsu lejn is-sustanza tal-kuncett, veru, fl-ottika tal-Unjoni Ewropea izda ma nistghux nhallu barra s-salvagwardji li ghandu c-cittadin malti. Id-decizjoni Kwadru kellha l-ghan ewlieni li jitnehha d-dewmien fil-proceduri kif ukoll il-komplessita taghhom u kellha l-effett li tafda dawn il-proceduri f'idejn l-organi gudizzjarji tal-membri rispettivi.

Skont l-artikolu 5(4) tal-Ordni l-persuna trid tkun akkuzata. Fil-fatt it-test ingliz hu iktar car. Il-fatt li jinhareg ‘ordinanza di custodia cautelare’ ifisser li l-persuna hi akkuzata? Kif inghad aktar ‘l fuq din l-ordinanza hi ntiza biex l-awtoritajiet gudizzjarji taljani jkollhom a dispozizzjoni l-persuna li huma jahsbu li eventwalment tista’ tigi processata. L-unika haga favur dan is-suggett hi li jista’ joffri depozizzjoni min rajh biex itaffi l-pozizzjoni tieghu u jigi mehlus mill-arrest izda mhux necessarjament mill-process. Naturalment, il-prosekutur ghandu l-fakolta’ li jehilsu minghajr ma jghaddi dak is-suggett minn process penali. Dan l-iter gudizzarju jista’ jiehu sa sentejn b’riskju li fl-ahhar anke tigi mehlus. Fil-kaz in ezami jirrizulta mill-mandat li “l’associazione permane alla data odierna”. Ghalhekk, hu car li hemm terzi ignoti li l-pulizija taljan ghada qed tfittex. Dan ifisser ukoll li l-investigazzjonijiet ghadhom ghaddejjin.

Illi fis-sistema gudizzjarju taghna l-arrest preventiv hu kuncett car li jaghti lok immedjatament ghal bidu tal-iter processwali. Meta persuna titregga Malta, il-prosekuzzjoni ghandha tmienja u erbghin siegha biex tressq dik il-persuna l-Qorti biex twiegeb ghar-reati li jiffurmaw parti tal-MAE. Is-sistema taljan min-naha l-ohra jipprospetta arrest twil sakemm jintemmu l-indagini u jkun hemm ‘il rinvio a giudizzio’. L-appellant iprospetta li setghu uzaw l-istitut tal-ittri rogatorji skont l-artikolu 649 tal-Kodici Kriminali biex jekk il-GIP ried jaghmel xi domandi setghu jsiru b’dan il-mod. Din il-Qorti ma taqbilx ma din it-tezi ghas-semplici fatt li l-persuna nterrogata ghandha l-fakolta’ li ma twiegibx kemm bl-uzu tal-ittri rogatorji, kif ukoll f’interrogatorji li jista’ jsir f’habs taljan.

Illi l-Prosekuzzjoni gibdet l-attenzjoni tal-Qorti ghas-sentenza moghtija mill-Qorti Kostituzzjonali fil-15 ta’ Mejju, 2006 fl-ismijiet; “Carmelo Borg u Geryl Serge v. Il-Ministru Responsabbli mill-Gustizzja u l-Intern u l-Avukat Generali tar-Repubblik ghal kull intererss li jista’ jkollu”. Fost il-konsiderazzjonijiet l-Qorti qalet “principju bazilari huwa dak tal-fiducja reciproka li dawn il-pajjizi ghandhom fis-sistema gudizzjarju ta’ xulxin”. Din il-Qorti taqbel perfettament ma dan l-insenjament. Dan il-kuncett

ghandu jigi nkwadrat ukoll fil-qafas tal-ligijiet taghna. Il-partijiet qablu ma tali tezi u talba maghmula permezz ta' MAE ma ghandhiex tittiehed vangelu cekament. Il-forma u il-kontenut ghandhom jigu verifikati skont dak li tippermetti l-ligi nostrana u cioe' l-Avviz Legali 320 ta' l-2004. Madankollu hemm limiti mposti mill-legislazzjoni taghna. Mhux hekk biss, izda l-gurisprudenza inglizi fuq il-'cosmopolitan approach' hi wahda kawta u mhux wiesa, hi dejjem temperata minn konsiderazzjoni ohra li jemergu mill-kaz partikolari. Assange docet.

Il-Ligi taghna tezigi li fi procediment penali jkun hemm akkuzat. Dan hu rifless fl-artikolu 5(4) tal-Ordni. Wiehed jista' jargumenta li ma ghandniex ninterpretaw dan l-artikolu f'din il-manjiera. It-traspozizzjoni tad-Decisjoni Kwadru kienet responsabilita' taghna. Illum, ma nistghux nghidu li l-kelma 'akkuzat' ghandha tinghata tifsira ohra biex inkun iktar kosmopoliti. Jekk dan il-kuncett hu ta' problem ir-rimedju hu car u jirrikjedi l-intervent tal-legislatur.

Illi minn dan kollu jemergi li l-MAE kif mahrug mill-awtoritajiet taljani semplicement ghal 'ordinanza di custodia cautelare' ma jghaddix it-test tal-artikolu 5(4) ta' l-Ordni. Hu car li f'dak l-istadju l-persuna ghada persuna ndagata u mhux akkuzata. Kif l-awtoritajiet taljani jaghlqu l-investigazzjoni taghhom u jinhareg MAE ghal 'rinvio a giudizio' ma ghandu jkun hemm ebda ostakolu ghat-trasferiment tas-suggett fil-gurisdizzjoni taljana.

Illi fic-cirkostanzi, din il-Qorti ma ghandhiex il-htiega li tiehu konjizzjoni ulterjuri ta' l-aggravji l-ohra mressqa mill-appellant.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi din il-Qorti tilqa' l-appell, thassar u tirrevoka s-sentenza appellata u tordna l-helsien minnufih ta' Francis Xavier Galea.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------